MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2012

Numru. 941/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Tiziana Cutajar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tiziana Cutajar detentrici tal-karta tal-identita` numru 65887(M).

Akkuzata talli matul dawn l-ahhar sitt xhur gewwa dawn il-gzejjer b’diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żmienijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

Nhar l-13 ta’ Settembru, 2012 ġewwa l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun:

1. Iddenunzjat rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħloqt it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali kontra Alexandra Cortis u Aldrin Muscat sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

2. Bil-qerq ħolqot jew ġiegħlet li jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Alexandra Cortis u Aldrin Muscat, bil-ħsieb li b'hekk dawn il-persuni ikunu jistghu jiġi kontra s-sewwa akkużati jew misjuba ħatja ta' reat;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bil-hsieb li taghmel hsara lil Alexandra Cortis u Aldrin Muscat akkuzathom quddiem Awtorita` kompetenti b'reat filwaqt li kienet taf li dawn il-persuni huma innocenti;

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u 37 centezmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Golden Travel Club Ltd (Fantasy Tours) u persuni ohra;

5. Approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu ta' John Mary Cutajar u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat ir-rinunzja tal-akkuza da parti tal-genituri tal-akkuzata ghal dak li jirrigwarda l-hames akkuza;

Rat illi l-akkuzata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha l-ohra kif dedotti kontriha u li kkonfermat tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tikun tista' tirregola ruha.

Ghal dawn i-motivi u wara li l-Artikoli 308, 310, 110(1) (2), 101, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali; qeghda issib lill-imputata Tiziana Cutajar hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u qeghda tikkundannaha ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 qed jigu sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti tordna illi l-Probation Officer hekk imqabbad bis-sahha tal-Artikolu 28G, jghin lill-imputata Tiziana Cutajar fil-problemi taghha anke permezz ta' persuni professjonali fil-qasam tas-sahha mentali.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------